MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2006

Numru 256/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Farrugia**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Farrugia talli nhar is-7 ta' Jannar 2005 u anke fil-granet ta' qabel din id-data minn Triq Fortunato Mizzi, Rabat, Ghawdex, ghamel attivita` kummercjali li tirrigwardja bejgh ta' vetturi minghajr licenzja mahruga mill-Awtorita` Regolatorja, taqsima licenzji tal-Kummerc (Art 14 (1), Kap 441):

Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-18 ta' Awissu, 2005 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Joseph Farrugia hati skond l-imputazzjoni

dedotta kontra tieghu u ikkundannatu multa ta’ sittin lira (Lm60);

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Joseph Farrugia, minnu prezentat fil-5 ta’ Settembru 2005, li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi fl-udjenza tad-9 ta’ Dicembru 2005, kif ukoll semghet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-appellant ghandu zewg aggravji. L-ewwel aggravju hu fis-sens li dak li ghamel ma kienx jammonta ghal attivita` kummercjali skond id-definizzjoni ta’ din l-espressjoni fl-Artikolu 1 [recte: Artikolu 2] tal-Kap 441. Skond l-appellant dak li l-legislatur ried jolqot kien dik l-“attivita` kummercjali ta’ certu rikorrenza [recte: frekwenza] u bi skop ta’ qligh ossia gwadann ekonomiku ghal min jaghmlu”. Dejjem skond l-appellant, kullma huwa ghamel kien li fuq inkarigu ta’ certu John Portelli isib lil min ibiegh vettura ta’ l-istess Portelli halli mir-rikavat ta’ tali bejgh huwa (cioe` Farrugia) ikun jista’ jithallas ta’ xi flus li kien silef lil dan Portelli. It-tieni aggravju – ta’ natura aktar generika – hu fis-sens li fi kwalunkwe kaz il-prosekuzzjoni ma gabitx l-ahjar prova li setghet iggib biex tipprova l-kaz taghha, apparti li dak li xehed is-Surgent 1346 Anton Schembri li qaltlu mart John Portelli huwa *hearsay evidence*.

Mill-kumpless tal-provi, pero`, din il-Qorti hi perfettament sodisfatta li qabel is-7 ta’ Jannar 2005 l-appellant bejgh diversi vetturi bi skop ta’ qligh ghalih, u bi frekwenza sufficjenti li wiehed jista’ jghid li kien hemm “attivita` kummercjali”. Din setghet ma kienitx l-attivita` kummercjali principali ta’ l-appellant – anzi l-attivita` kummercjali principali tieghu huwa jwettaqha billi jiggestixxi kartolerija. Tali attivita` kummercjali fir-rigward ta’ vetturi tirrizulta mhux biss mid-deposizzjoni ta’ Carmel Galea, izda wkoll – u anzi aktar – mid-deposizzjoni ta’ l-istess appellant. Il-fatt li din l-attivita` ta’ xiri u bejgh ta’ vetturi l-appellant iqisha bhala “hobby” aktar milli haga ohra, ma jfissirx li fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz ma kientx ukoll “attivita`

kummercjali”. Konsegwentement iz-zewg aggravji ma humiex fondati.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------